**Żmien l-Ingliżi, 1800-1964**

Mal-wasla tal-Protettorat Ingliż fl-1800, li ntemm fl-1814 meta Malta ngħatat lill-Ingilterra bħala kolonja, iz-Zekka ta' l-Ordni żarmat, bil-makkinarju tagħha jisfa' maħżun fit-Tarzna Ċivili. Fl-1828, dan, wara li leqquh u sewwewh, safa' mibjugħ lill-Gvern Grieg għas-somma rħisa ta' £100. Matul l-ewwel ħamsin sena tal-ħakma Ingliża, il-munita legali fiċ-ċirkulazzjoni kienet tħaddan fiha l-muniti tal-Kavallieri, id-Dubluni Spanjoli u d-Dollari Sqallin, id-Dollari Sud Amerikani, il-biċċiet tal-5 Franki Franċiżi, u l-muniti Ingliżi. Muniti barranin oħrajn, għalkemm ma kinux ta' valuta legali, xorta kienu jiċċirkulaw f'Malta; dawn kienu l-aktar l-Ilwiġi tad-deheb Franċiżi u d-Dollari ta' Maria Tereża.

In-nuqqas ta' qbil fil-valur intrinsiku tal-muniti tal-fidda Ingliżi mal-muniti aktar aċċettabbli kontinentali, flimkien mat-tiżwiqa kożmopolitana ta' flejjes li kienu jiċċirkulaw f'Malta fi żmien l-Ingliżi, kienu jaħtu għal ħafna tgergir fil-Gżira. Barra minn hekk, bosta proġetti għat-twaqqif ta' munita għal Malta mressqin minn negozjanti lokali u rrikkmandati mill-Gvern lokali ma kinux intlaqgħu għal bosta raġunijiet, u għalhekk il-qagħda tal-flus f'Malta kienet tkun ta' sikwit tassew imwiegħra.

Passi għar-regularizzazzjoni tas-sistema monetarja lokali ttieħdu f'Ġunju ta' l-1825, meta l-muniti Ingliżi tal-fidda u tar-ram (il-Ħames Xelini, it-Tmintax-il Irbiegħi, ix-Xelin, is-Sitt Soldi, is-Sold, is-Sitt Ħabbiet, u t-Tliet Ħabbiet) kienu ddikkjarati valuta legali bħala miżura ta' tħejjija għall-introduzzjoni ġenerali tal-flus Ingliżi metalliċi bħala l-għodda taċ-ċirkulazzjoni f'Malta. Madankollu, il-muniti Ingliżi tal-fidda maħruġin wara l-1816 abbażi 66 xelin minflok 62 xelin fil-Libbra baqgħu mhux maħmulin hawn Malta għal żmien twil wara dħulhom hawn. Dak iż-żmien din il-għamla ta' munita ma kienet tiswa xejn fil-bejgħ u x-xiri tas-swieq tal-Mediterran, fejn il-muniti preferuti bħad-Dollari Spanjoli u Sqallin kellhom valur li kien iqarreb ħafna l-użin tal-fidda fina tagħhom. Barra minn hekk, għalkemm f'Diċembru ta' l-1825 id-dipartimenti tal-Gvern bdew iżommu l-kotba tagħhom bl-Isterlina biss, il-Banek, il-Kummerċjanti u l-għammara baqgħu iżommu l-kotba tagħhom u jbigħu, jagħmlu l-kuntratti, eċċ. bl-Iskudi, bl-Irbajja' u bil-Ħbub.

Il-Liri u n-Nofs Liri tad-deheb Ingliżi ġew introdotti fl-1826.

F'Novembru ta' l-1827, il-muniti tar-ram Ingliżi ġew iddikkjarati li huma biss kienu valuta legali fost il-muniti tar-ram kollha, u f'April tas-sena ta' wara l-muniti tar-ram ta' l-Ordni tneħħitilhom il-valuta legali. F'dan ir-rigward, iz-Zekka Rjali ta' l-Ingilterra kienet ħadmet munita tar-ram imsejħa l-Ħabba Ingliża biex tintuża f'Malta biss, u din il-munita nħarġet għaċ-ċirkolazzjoni lokali fl-1827. Din il-munita, li l-għan tagħha kien li tieħu post l-hekk imsejħa Ħabba Maltija li kienet tinħareġ mill-Ordni, baqgħet tinħadem sa l-1913. Id-disinn ta' Ħabba li kien juri fuq l-irġejjen il-valur "1G" ġo ċirku taħt l-isem "MELITA", li l-Gvern lokali kien ressaq lis-Segretarju ta' l-Istat fl-1825, ma ntlaqax miz-Zekka Rjali, li għażlet minflok ix-xbieha ta' Brittannja bil-qiegħda.

F'Ottubru ta' l-1855, l-Isterlina ġiet iddikkjarata bi proklama bħala l-valuta legali l-waħdenija f'Malta. Imma minkejja dan, il-kommunitajiet merkantili u bankarji

baqgħu jinqdew bil-muniti tad-deheb u tal-fidda ta' l-Ordni, kif ukoll b'xi muniti barranin, l-aktar bid-Dollaru Sqalli. Dawn il-muniti mhux Sterlina tneħħew miċ-ċirkolazzjoni bejn Ottubru ta' l-1885 u Novembru 1886 wara l-ġbir tal-muniti ta' l-Istat Pontifiku u tas-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet mill-Gvern Taljan b'digriet. Il-flus tad-deheb u l-fidda ta' l-Ordni ta' San Ġwann li kien għad fadal ġew demonizzati u mneħħijin miċ-ċirkulazzjoni bejn Ottubru u Novembru ta' l-1886. Dawn l-iżviluppi wasslu biex il-muniti Ingliżi jsiru l-valuta legali waħdenija tal-Gżira. Huma baqgħu hekk sa l-1972 meta nbidlet għal kollox is-sistema tal-munita Maltija.